**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 53**

**Data:** Il-Tlieta, 28 t' April 2026
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
H.E Clifford Galea Vella – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**53.1 Ittri ta' apoloġiji**

53.1.1 Il-President semma li s-Sur Steven Axisa, Dr. Samuel Azzopardi, is-Sur Charles Bonello u s-Sur Jesmond Aqulina talabu li jkunu skużati.

53.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżel skużati.

**53.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 52**

53.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

53.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**53.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 52**

53.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u H.E, Clifford Galea Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu bejn l-11 ta' Marzu 2026 u t-28 t' April 2026 li kienet tammonta għal €218,099.47.

**53.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 52**

| | |
|---|---|
| **53.4.1 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li kemm l-Assoċjazzjoni kif ukoll il-UĦM għadhom qed jitolbu sabiex ikun hemm aġġornament fil-liġi tal-Kunsilli Lokali, sabiex din tirrifletti aħjar l-eliġibbiltà tal-kandidati għall-postijiet vakanti fil-Kunsilli Lokali. Semma li din l-emenda għadha pendenti. |
| **53.4.2 EU Multiannual Financial Framework (MFF)** | Il-President semma li l-workshop skedat għal nhar id029 ta' Mejju 2026 gie kkanċellat minħabba l-Elezzjoni Ġenerali u ser jerġa' jkun skedat iktra tard matul is-sena. |
| **53.4.3 ELoGE** | Il-President semma li l-proċess diġà beda u tqassmu s-surveys sabiex jimtlew mir-residenti, il-membri eletti kif ukoll mill-ħaddiema. Il-President talab lill-Kunsilli Reġjonali sabiex jassistu u jħeġġu lill-Kunsilli Lokali involuti biex jimlew dawn is-surveys. |
| **53.4.4 Tenders – Skeda** | Il-President semma li għadu qed jistenna risposta mid- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| 16 | Dipartiment għall-Gvern Lokali. |
| **53.4.5 CPD – Tqassim ta' Fire Blankets** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet avviċinata sabiex tinżamm laqgħa mas-CPD bil-għan li jitfassal pjan dwar kif il-Kunsilli Lokali jistgħu jkunu involuti fit-tqassim tal-Fire Blankets u l-First Aid Booklets. |
| **53.4.6 SOuSeEU – AICCRE Italia** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni laqgħet delegazzjoni minn Sardinja magħmula minn 40 parteċipant, li kienu ġejjin minn diversi entitajiet fosthom l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, id-Direttur Ġenerali kif ukoll diversi ħaddiema. |
| **53.4.7 ALDA Festival** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għaddejja bil-preparamenti sabiex f'Mejju tilqa' madwar 180 delegat. Semma li l-konferenza ser issir ġewwa l-MICAS filwaqt li l-ikla ser issir fl-MCC. |
| **53.4.8 Kors Skala 16 – MCAST Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li l-kors beda u li kienet saret ukoll laqgħa introduttorja. |
| **53.4.9 Chart of Accounts** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ħadmet sabiex tbiddel iċ-Chart of Accounts kif propost mid-Diviżjoni. Semma li n-nominal codes ippreparati mid-Dipartiment ma kinux jaqdu l-funzjoni tal-accounts tal-Assoċjazzjoni. Huwa rringrazzja lill-ħaddiema u lill-accountant talli żammew mad-deadline stabbilita. |
| **53.4.10 Rillu Merillu** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kompliet taħdem fuq il-proġett Rillu Merillu. Qed jiġi rranġat il-kostum kif ukoll ser jiġu ppubblikati l-kotba tal-qari għas-Sekondarja. |

**53.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2026**

53.5.1 Il-President ippreżenta r-rapport finanzjarju kif preparat. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Max Zammit, ir-rapport ġie approvat kif ippreżentat.

**53.6 Komunikazzjoni mill-President**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

53.6.1 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni rċeviet talba għal twinning minn lokalità ġewwa l-Polonja u li din ġiet mgħoddija lill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid minħabba t-titlu ta' European Town of Sports.

53.6.2 Il-President semma li l-ALDA National School reġgħet fetħet l-applikazzjonijiet għax-xahar ta' Settembru.

53.6.3 Il-President semma li kien hemm is-CRPD Disability Forum, iżda ma kienx possibbli li nattendu.

53.6.4 Il-President semma li nhar it-8 ta' Mejju kienet ser issir sessjoni bħala parti mill-programm "You Matter – Thrive Under Pressure".

53.6.5 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni applikat sabiex tipparteċipa fil-PROSPECT Training u li ntbagħtet ukoll ċirkulari dwar dan.

53.6.6 Il-President semma li ġie ffirmat il-MoU mal-Università ta' Malta u li beda wkoll l-istudju demografiku.

53.6.7 Il-President semma li nhar is-26 ta' Marzu sar workshop dwar il-bus shelters u li issa kien ser jingħata link għall-app mill-kuntrattur.

53.6.8 Il-President semma li l-CoR staqsa jekk l-Assoċjazzjoni kinitx ser terġa' torganizza summer camps għal tfal Ukreni. Saret diskussjoni dwar is-suġġett u kien hemm qbil li, jekk dawn ser isiru din is-sena, għandhom isiru wara x-xahar ta' Novembru.

53.6.9 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ħadet sehem fl-MCAST Expo bil-għan li jiġu attirati apprentisti.

53.6.10 Il-President semma li, rigward it-tribunali lokali, ma kien sema' xejn iżjed iżda issa kien qed jistenna sa wara l-elezzjoni.

53.6.11 Il-President semma li kienu ser jerġgħu joħorġu postijiet vakanti fi Skala 12 u Skala 10.

53.6.12 Il-President semma li l-issue tal-collection points imnedija mid-Cleansing Department saret magħrufa permezz tal-gazzetti u li ntbagħtet ukoll komunikazzjoni lill-Ministru u lis-Segretarju Parlamentari dwar dan.

53.6.13 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni applikat bħala consortium għal proġett taħt il-kappa ta' Creative Europe flimkien ma' Rotta tal-Feniċi.

53.6.14 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni applikat għal taħriġ taħt il-programm PPE+ u li ntbagħtet ukoll ċirkulari dwar dan.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

53.6.15 Il-President fakkar li l-MoU ma' Xjenza Malta kien ġie ffirmat u li kienet saret laqgħa sabiex tiġi organizzata sessjoni ta' informazzjoni mal-Kunsilliera u s-Sindki nhar it-18 jew id-19 ta' Ġunju.

53.6.16 Il-President semma li matul ix-xahar ta' April l-Assoċjazzjoni ħadmet ma' diversi partners u applikat għal tmien proġetti, bil-maġġoranza tagħhom taħt il-kappa tal-programm CERV.

53.6.17 Il-President semma li l-AKL kienet ikkwalifikat sabiex tibbenefika minn fond ta' madwar €15,000 taħt il-proġett SEED immexxi mill-ALDA. Semma li l-proġett ser ikun qed jittratta n-nisa.

53.6.18 Il-President semma li l-proġett GovTech4All, immexxi mill-MITA u l-MDIA, kien qed jiġi implimentat. Minn tagħrif li ngħata lill-AKL jidher li daħlu tliet applikazzjonijiet u ntgħażel Consortium A.

53.6.19 Il-President semma li l-AKL kienet ġabet kwotazzjoni mill-BNF rigward ir-rata ta' imgħax għal fond fiss li għandha l-Assoċjazzjoni. Semma li din ingħatat b'rata ta' 2.45% meta mqabbla ma' rata ta' 0.25% tal-APS u, għaldaqstant, kien hemm approvazzjoni sabiex isir trasferiment għal kont fiss mal-BNF.

53.6.20 Il-President semma li l-permessi tal-parking area sabiex issir ġnien issa kienu lesti u approvati, u kien hemm qbil li issa għandu jitkompla l-proġett.

53.6.21 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni rċeviet l-istedina tal-Kaleiçi li ser taħbat qabel l-Open Week ġewwa Brussell f'Ottubru. Sa issa ġie kkonfermat li ser tintbagħat delegazzjoni. Semma wkoll li ser jiġi ppreparat filmat dwar il-kċina u l-ikel tipiku Malti.

53.6.22 Il-President semma li kienet ser issir laqgħa ma' Paul Zahra nhar it-30 ta' April sabiex terġa' ssir it-talba għall-allokazzjoni li kienet tnaqqset mill-budget tal-2026 tal-AKL.

53.6.23 Il-President semma li huwa kien qed jirrakkomanda li l-membership tal-ALL Digital ma tiġix imġedda. Fuq proposta tal-President, approvata unanimament, kien hemm qbil dwar dan.

53.6.24 Il-President semma li huwa kien bagħat komunikazzjoni lis-Segretarju Permanenti s-Sur Ronald Mizzi sabiex jistaqsi kif daħlu miżuri taħt ir-responsabbiltajiet tal-AKL fil-micro initiatives ta' Viżjoni 2050, meta dawn ma kinux ġew ikkomunikati qabel. Intalab ukoll status dwar dawn il-miżuri.

53.6.25 Il-President semma li ser isir taħriġ mill-ALDA wara Novembru 2026 dwar il-budget parteċipattiv.

53.6.26 Il-President semma li kien ġie ffirmat MoU mal-MTA sabiex jingħataw €15,000 għall-ispejjeż relatati mal-ALDA Festival mill-MTA.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

53.6.27 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet applikat sabiex waqt l-Open Week fi Brussell ikun hemm stand tal-CoR.

53.6.28 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet qed tkun f'komunikazzjoni ma' Smart City World Expo u li ser tibbenefika minn biljetti għall-entratura kif ukoll ingħataw ir-rati sabiex l-AKL tkun tista' tikri stand. Kien hemm qbil sabiex tiġi esplorata l-possibbiltà li l-AKL torganizza stand waqt l-expo.

53.6.29 Il-President spjega fid-dettall, b'mod kunfidenzjali, l-ingaġġ ta' impjegat taċ-CWSF mal-AKL.

53.6.30 Il-President semma li l-AKL kienet ser tixtri żewġ vertical screens sabiex jintużaw waqt konferenzi. Kien hemm qbil dwar dan.

53.6.31 Il-President semma li kien hemm problema relatata ma' impjegat tal-AKL li kien part-time fi Skala 15, peress li s-sigħat tax-xogħol tiegħu ma kinux qed jaqblu mas-sigħat li l-AKL kienet teħtieġ sabiex l-impjegat ikun jista' jwettaq ix-xogħol meħtieġ. Semma wkoll li kienu ser jitkellmu mal-impjegat sabiex jinstab qafas aktar strutturat ta' ħinijiet tax-xogħol.

53.6.32 Il-President semma li l-EkoSkola ser issir nhar it-12 ta' Novembru 2026.

53.6.33 Il-President semma li nhar is-17 ta' April kien ġie grupp ta' studenti mill-MCAST Pathway sabiex jiltaqgħu mar-Reġjuni u mal-AKL.

53.6.34 Il-President ippropona li lejn Ottubru tiġi organizzata Fun Day ġewwa Ta' Qali għall-promozzjoni tal-Kunsilli Lokali, u kien hemm qbil dwar dan.

53.6.35 Il-President semma li kienet ser tiddaħħal proposta lil Building Councillors with Europe sabiex jitkompla jinbena fuq il-proġett SEEDS, li jittratta l-irwol tal-mara fit-tmexxija tal-Gvern Lokali.

53.6.36 Il-President semma li kienet qed tiġi proposta Laqgħa Plenarja nhar is-27 ta' Ġunju 2026. Kien hemm qbil dwar dan.

53.6.37 Il-President staqsa rigward l-attività tas-sajf u kien hemm qbil li ssir l-attività li s-soltu tiġi organizzata matul is-sajf.

53.6.38 Il-President semma li d-dokument dwar it-turiżmu sostenibbli kien kważi lest. Is-Sur Max Zammit ġibed l-attenzjoni li ma rax il-proposti li huwa kien issottometta. Il-President semma li dawn kienu ddaħħlu fit-test iżda kien ser jerġa' jarahom.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**53.7 Aġġornament**

53.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2026 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**